MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 246/2003

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Gordon Debono**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ppremettiet:

Skond ir-regolamenti vigenti li jirregolaw l-uzu tas-servizzi moghtija mill-Korporazzjoni Telemalta (awtrici ta' Maltacom p.l.c), il-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames t'elef, erba' mija u disa' liri Maltija u sitt centezmi (Lm5,409.06) in konnessjoni ma' servizzi telefonici bin-numri tlieta, tnejn, tlieta, hamsa, zero, disgha (323509), tlieta, tnejn, tlieta, hamsa, wiehed, zero (323510), tlieta, tnejn, tlieta, hamsa, wiehed, wiehed (323511), u tlieta, tnejn, tlieta, hamsa, wiehed, tnejn

(323512), liema servizzi kienu provduti f'Flat 3, Triq Testaferrata, Msida, skond il-prospetti hawn annessi u markati bhala "Dok A u B"; u hamsa, hamsa, hamsa, zero, zero, tnejn (555002), hamsa, hamsa, hamsa, zero, wiehed, sitta (555016), hamsa, hamsa, hamsa, zero, tlieta, wiehed (555031), hamsa, hamsa, hamsa, zero erbgha, wiehed (555041), hamsa, hamsa, hamsa, zero, erbgha, tmienja (555048), hamsa, hamsa, hamsa, zero, sitta, zero (555060), liema servizzi kienu provduti f'Public Stairs off 'Marvic', Triq San Xmun, Xlendi skond il-kuntratti hawn annessi u markati bhala "Dok C, D, E, F u G", u skond prospett immarkat bhala 'Dok H';

Illi l-konvenut interpellat biex ihallas baqa' inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex dina l-Qorti, m'ghandiex tikkundannah ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames t'elef, erba' mija u disa' liri Maltija u sitt centezmi (Lm5,409.06);

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut, li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat li l-konvenut debitament notifikat skond il-ligi naqas li jidher u naqas li jippresenta l-ecezzjonijiet tieghu u b'hekk ghandu jitqies li hu kontumaci ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhud prodott mis-socjeta attrici;

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Ottubru 2004;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici tippretendi li l-konvenut hu debitur taghha fis-somma ta' hames t'elef, erba' mija u disa' liri maltin u

sitt centezmi (Lm5,409.06) in konnessjoni ma’ servizzi telefonici bin-numri tlieta, tnejn, tlieta, hamsa, zero, disgha (323509), tlieta, tnejn, tlieta, hamsa, wiehed, zero (323510), tlieta, tnejn, tlieta, hamsa, wiehed, wiehed (323511), u tlieta, tnejn, tlieta, hamsa, wiehed, tnejn (323512), liema servizzi kienu provduti f’Flat 3, Triq Testaferrata, Msida, u in konnessjoni ma servizzi telefonici ohra bin-numri hamsa, hamsa, hamsa, zero, zero, tnejn (555002), hamsa, hamsa, hamsa, zero, wiehed, sitta (555016), hamsa, hamsa, hamsa, zero, tlieta, wiehed (555031), hamsa, hamsa, hamsa, zero erbgha, wiehed (555041), hamsa, hamsa, hamsa, zero, erbgha, tmienja (555048), hamsa, hamsa, hamsa, zero, sitta, zero (555060), liema servizzi kienu provduti f’Public Stairs off ‘Marvic’, Triq San Xmun, Xlendi;

Mill-provi kollha prodotti dawn il-pretensjonijiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u b'hekk it-talbiet attrici relattivi ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet kollha attrici u tikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hames t’elef, erba’ mija u disa’ liri maltin u sitt centezmi (Lm5,409.06) ghal ragunijiet indikati fic-citazzjoni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------